TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizzjoni Nru. 175

KAZ NRU 238

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Vincent Baldacchino
u
Messrs Residentials Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 31 ta' Lulju, 1984

Chairman: Major S J A Clews M.B.I.M., M.I.P.M.

1. Dan it-Tribunal beda jisma l-kaz fid-29 ta' Mejju, 1984, wara li l-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrifera l-kaz permezz ta ittra ta' Jannar, 1983 li biha gie mgharraf li s-Sur Vincent Baldacchino jallega li tkecca ngustament mill-impieg li kellu mal-kumpanija Messrs Residentials Ltd.

2. Biex semgha l-partijiet u x-xhieda taghhom it-Tribunal zamm erba seduti. L-Appellant, is-Sur Vincent Baldacchino, kien assistit minn Nutar Mark Coppini, filwaqt li ghall kumpanija dehru s-Sur Stephen Borg, Managing Director u s-Sur Pio Borg, Company Secretary. Is-Sinjorina Maris Tanti, u s-Sur Martin Azzopardi dehru bhala xhieda ghall Vincent Baldacchino, filwaqt li s-Sur Pawlu Felice, s-Sur Joe Baldacchino u s-Sur Pio Borg kienu xhieda ghall-kumpanija. Instemghet ukoll ix-xhieda ta' l-appellant.

3. Statements of Case

Ghall-Appellant: Fid-dikjarazzjoni tieghu Baldacchino qal li fit-22 ta' Novembru, 1982, minghajr raguni, il-paga tieghu giet imnaqqsa b'hames liri (LM5) fil-gimgha, kif ukoll tnehha mill-kariga li kellu bhala Supervisor, mil-ghada 23 ta' Novembru, u kellu jibda jahdem bhala Salesman/Storekeeper f'Supermarket iehor ta' l-istess kumpanija f'lokalita ohra. L-Appellant allega ukoll li meta rrapporta fil post tax-xoghol fit-23 ta' Novembru, 1982,

il-Manager Pawlu Felice, minghajr ma tah raguni ma hallichx jidhol jahdem. Fid-29 ta' Novembru, Baldacchino gie mitlub biex jiffirma kuntratt tal-impieg, b'kondizzjonijiet godda li kienu jaggravaw dawk li gawda matul is-nin precedenti ta l-impieg. Meta Vincent Baldacchino rrifjuta li jiffirma dan il-kuntratt, gie ordnat li ma jidholx izjed ghax-xoghol, u baqa ma thallasx. Id-dikjarazzjoni tghid ukoll, li Baldacchino qatt ma gie imwissi, la bil-fomm u lanqas bil-miktub dwar l-imgieba tieghu fuq il-post tax-xoghol, u qatt ma nghata l-opportunita li jsemma il-versjoni tieghu.

Ghaldaqstant, l-appellant talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija tieghu hija ngusta u jordna lir-Residentials Ltd. thallsu bhala kumpens is-somma ta' LM1738.34, jigifieri (a) LM35.38 ammont ta' gimgha paga li huwa hadem u baqa ma thallasx, (b) LM35.38 paga fil-gimgha mid-29 ta' Novembru, 1982 sad-29 ta' Settembru, 1983 li Baldacchino dam minghajr impieg, (c) kwantu ghall LM130 kontribuzjonijiet tas-Sigurta Nazzjonali ammontanti ghal 43 gimgha, (d) LM87 bhala 'bonus' dovut lilu skond il-ligi, u (e) li jinhareg lill Baldacchino certifikat gdid ta' tmiem ta' impieg li jkun fih il-partikolaritajiet korretti ta' Baldacchino u li juri lill-istess appellant ta' kondotta tajba.

4. <u>Ghal-Kumpanija</u>: Il-kumpanija allegat li l-appellant, Vincent Baldacchino, ghamel zmien twil bla ma jikkopera mal-haddiema l-ohra, anzi kien kontinwament jargumenta mal-Manager tal-hanut fejn kien jahdem, is-Sur Joe Baldacchino. Ghaldaqstant, il-kumpanija ipprovat tghin lill Baldacchino billi tpoggieh jahdem f'hanut iehor, izda l-attitudni tieghu baqghet l-istess. Il-kumpanija ssoportiet dan l-attaggiament negattiv ta' Baldacchino ghal zmien twil, imma wara li kien inqala incident fejn l-istess Baldacchino hedded l-Store Manager (Joe Baldacchino), il-kumpanija hasset li ma kelliex alternattiva ohra hlief li tittermina l-impieg tieghu. Illi anke wara li Baldacchino spicca minn mal-kumpanija, dina wriet ruha disposta li terga toffrilu l-impieg mill-gdid, kemm il-darba hu kien lest li jirranga d-differenzi li kellu mal-haddiema l-ohra, pero din l-offerta ma gietx accettata.

5. Xhieda ghall-Appellant: Is-Sinjorina Maris Tanti u s-Sur Martin Azzopardi, t-tnejn qalu li l-Appellant kien Supervisor bil-ghaqal, ta kondotta tajba, responsabbli u qatt ma ta trouble. Vincent Baldacchino ikkonferma li l-kumpanija qatt ma taghtu 'Warnings', la bil-fomm u lanqas bil miktub. Qal li gie mpiegat mal-kumpanija fil-1976 bhala Salesman/Shop Assistant, u fl-1980 lahaq Supervisor. Hu zied jghid illi t-Tnejn, 22 ta' Novembru, 1982 huwa nghata LM10 nieqsa mill-paga, transfer mis-Supermarket ta' San Gwann ghal dak ta' Spinola, u tnehha mill-grad ta' Supervisor. Dan staqsa lill Manager tieghu, J Baldacchino l-ghaliex kien sar hekk, u huwa rrisponda 'Ma nafx, staqsi lis-Sur Stephen Borg'. Wara nofsinhar ta' l-istess gurnata mar ghand l-Store Manager ta Spinola, is-Sur Pawlu Felice, u Baldacchino qal li dan ma kienx iridu. Baldacchino kompla jghid li meta ra l-agir tas-Sur Felice, mar fl-ufficcju biex jghid lil General Manager u dan cempel lis-Sur Stephen Borg. Dan qallu biex imur igib zewg formoli tat-tkeccija mill-Labour Office 'ghaliex heddidt'. Baldacchino kompla jghid li mar il-Labour Office ghand is-Sur Alfred Degabriele li qallu li kien irrangialu mas-Sur Borg biex jahdem Spinola mas-Sur Felice. Dan qallu 'kieku gejt nofs siegha wara dak in-nhar (23 ta' Novembru) kieku dahhaltek'. Li stess gurnata, fil-ghaxija mar l-Store San Gwann fejn il-Manager is-Sur Joe Baldacchino qallu biex it-Tnejn, 29 ta' Novembru, 1982 imur jiffirma 'xi kuntratt'. Baldacchino qal li hekk ghamel, izda meta ra l-kuntratt deherlu li dan ma kienx gust, ghax hass li wara sebgha snin servizz ma kellux jigi offrut paga minima bi tlett xhur probation, bhalli kieku sa jerga jibda mill-bidu. Il-General Manager qallu li jekk ma jiffirmax il-kuntratt, is-Sur Stephen Borg sa jhallsu ta' dik il-gurnata u jarga jigi mkecci mill-gdid. Vincent Baldacchino qal li ma ffirmax il-kuntratt il-gidi ghax deherlu li kien ingust.

6. Xhieda ghall-Kumpanija: Is-Sur Joe Baldacchino, Store Manager San Gwann, qal li meta lahaq Manager, Vincent Baldacchino beda jaghmillu l-bsaten fir-roti, kull haga li jipprova jaghmel gdida ma kienx jaqbel maghha u jwaqqghu ghac-cajt. Huwa qal li bhala Supervisor hassu li V Baldacchino ma setghax ikun 'ir-right hand' tieghu.

.../4

Is-Sur Joe Baldacchino ikkonferma li qatt ma ta 'warnings' lill Vincent Baldacchino, la bil-fomm u lanqas bil-miktub, pero' kien jinforma lis-superjuri dwar certi nuqqasijiet ta' V Baldacchino. J Baldacchino qal ukoll li meta Vincent Baldacchino rcieva l-ewwel paga bin-nieqes, dan mar fuqu u qallu 'lilek ghad noqtlok'. Joe Baldacchino qal li avza lid-Diretturi tieghu dwar dan l-incident, imma ma avzax lill-pulizija. Dan qal ukoll li l-Appellant kien hadem sitt xhur bhala Supervisor ma J Baldacchino izda f'dak iz-zmien ma weriex ruhu bhala bniedem responsabbli.

Fix-xhieda tieghu s-Sur Pawlu Felice, Stores Manager - Spinola Self Service, qal li meta kellem lis-Sur Stephen Borg, ghamila cara li kien ippreparat jaccetta lill V Baldacchino bhala Salesman/ Storekeeper. Fit-22 ta' Novembru, 1982 meta Baldacchino mar ghand is-Sur Felice dan xehed 'Hadni qatta bla habel, u ma stennejta qatt minghandu, ghaliex dan il-bniedem, sa fejn naf jien, gid ghamiltlu.' Felice qal ukoll li Baldacchino tant ghamel storbju dak in-nhar li kellu jdahhlu fl-ufficcju ghaliex kien hemm in-nies fil-hanut. Beda jghajjat hafna, u kompla jghid 'Li kelli nkun tal-glied, dak in-nhar niggarantilek li faqali sidri! Meta jkollok xi tghid ma bniedem u dan jigi jaghmel ghalik b'dik it-tali manjera u ma jkollok l-ebda tort, minghajr ma trid tghid li m'ghandhex bzonn inkwiet u tinsiha l-awtorita kollha'. Zied jghid ukoll li kieku is-Sur Stephen Borg qallu li jrid lill Vincent Baldacchino fis-Supermarket tieghu, hu kien zgur li kien jitlaq dak il-hin. Felice qal ukoll li ma jafx ghaliex Baldacchino ma kiedx jahdem mieghu.

Fix-xhieda tieghu, is-Sur Pio Borg ikkonferma li Vincent Baldacchino qatt ma gie imwiddeb, la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Ikkonferma wkoll li l-paga ta' Vincent Baldacchino bhala Supervisor kienet ta' LM30.38 fil-gimgha, 'basic', u LM5 fil-gimgha bhala 'allowance'.

7. <u>Konkluzjoni</u>: Mix-xhieda gie stabbilit lit-Tribunal illi:-
(a) L-appellant ma kienx qieghed jikkopera waqt ix-xoghol fid-dmirijiet tieghu bhala Supervisor fis-Supermarket ta' San Gwann.

b. Vincent Baldacchino qatt ma gie mwissi dwar il-kondotta tieghu, la bil-kelma u lanqas bil-miktub. Fil-fatt l-ewwel darba li kien jaf li l-kondotta tieghu ma hiex accettabli kien meta rcieva l-paga tieghu minghajr allowance ta' Supervisor u meta xi hadd qallu biex jirraporta lill-Manager ta' l-Spinola Self Service Store, is-Sur Pawlu Felice.

c. It-tkeccija li nghatat lill Baldacchino ghal l-ewwel darba fil-20 ta' Novembru, 1982 kienet dovuta hafna ghall-imgieba hazina tieghu lejn il-Manager ta' Spinola, tant li s-Sur Felice ghamilha cara li li kieku mhux ghall imgieba hazina tieghu, kien ikun kuntent li jimpiegah fl-Store ta' Spinola.

d. L-Appellant tkecca mill-impieg it-tieni darba fid-29 ta' Novembru, 1982 wara li rrifjuta jiffirma l-kuntratt tax-xoghol gdid, li includa kondizzjonijiet ghar minn dawk li kellu s'issa.

8. AWARD

a. Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa t-talba ta' l-appellant, Vincent Baldacchino, u jiddikjara li t-tkeccija tieghu mill-kumpanija 'Residentials Ltd', ma rrisultax li kienet gusta.

b. Fl-istess waqt, peress li r-relazzjonijiet li nholqu minhabba l-imgieba ta' l-istess appellant, dan it-Tribunal jordna lil Messrs Residentials Ltd ihallsu lil Vincent Baldacchino is-somma ta' LM653 bhala pagament finali. Dan l-ammont ghandu jithallas f'erba pagamenti u mhux aktar tard mill ahhar ta' Settembru, 1984.

c. It-Tribunal jordna wkoll lir-Residentials Ltd jaghtu lis-Sur Vincent Baldacchino certifikat tas-servizz bla ebda referenza ghall nuqqasijiet.

8. B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol bejn iz-zewg partijiet.

STANLEY J A CLEWS
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 31 ta' Lulju, 1984

ja